MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1181/1991/1

**Rosemarie mart Louis Lupi u l-istess Louis Lupi bhala Kap tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu; John Grech; u Salvatore sive Salvino Vella Agius u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 1993 Saviour Pisani u Stella Vella Agius assumew l-atti tal-kawza minflok Salvatore sive Salvino Vella Agius stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Paolo Camilleri; Mary Camilleri; u Paolina mart Joseph Calafato u l-istess Joseph Calafato bhala Kap tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu u b'digriet tal-14 ta' Jannar, 2000, Mary Camilleri u Paolina mart Joseph Calafato assumew l-atti tal-kawza bhala eredi tal-mejjet Paolo Camilleri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

Illi fis-sitta u ghoxrin ta’ Frar tas-sena elf tmien mija u sitta u disghin (26.02.1896) miet Salvatore Zahra Ferriggi, u b’testment ta’ l-erbgha u ghoxrin ta’ Frar ta’ l-istess sena (24.02.1896) fl-Atti tan-Nutar Francesco Saverio Micallef (Dok.A1) huwa halla bhala eredi tieghu lil Giuditta armla minn Filippo Camilleri, Maria Concetta Camilleri, xebba, u Francesca Camilleri (dak iz-zmien xebba izda wara mart Giuseppe Vella Agius) fis-sehem ta’ parti wahda minn tlieta kull wahda;

Illi l-imsemmija Giuditta Camilleri mietet fis-sitta u ghoxrin ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija u tlieta u tletin (26.12.1933), u b’testment ta’ l-erbgha ta’ Gunju tas-sena elf disa' mija u erbatax (04.06.1914) fl-Atti tan-Nutar Paolo Carbonaro (Dok.B1) hija halliet bhala eredi taghha lill-imsemmija Maria Concetta Camilleri, lill-imsemmija Francesca Vella Agius nee’ Camilleri, lil Tancredi Camilleri u lil Carmelo Camilleri fis-sehem ta’ parti wahda minn erbgha kull wiehed u wahda;

Illi l-imsemmija Francesca Vella Agius mietet fis-sbatax ta’ Frar tas-sena elf disa’ mija u hamsin (17.02.1950), u b’testment tas-sbatax ta’ Novembru tas-sena elf disa mija u erbgha u erbghin (17.11.1944) fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza (Dok C1) halliet bhala eredi taghha lil Edward Vella Agius, lil Salvino sive Salvatore Vella Agius (attur) u lil Mary mart Salvatore Busuttil, fis-sehem ta’ parti wahda minn erbgha kull wiehed u wahda, u lill-ulied naxxituri ta’ Giovanni Vella Agius fil-parti wahda minn erbgha li tifdal, bl-akkrexximent bejniethom;

Illi l-imsemmi Giovanni Vella Agius ma kellux ulied, sehh l-akkrexximent u ghalhekk lill-imsemmija Francesca Vella Agius wirtuha l-imsemmija Edward Vella Agius, Salvino sive Salvatore Vella Agius (Attur) u Mary mart Salvatore

Busuttil, fis-sehem ta’ parti wahda minn tlieta kull wiehed u wahda;

Illi l-imsemmi Carmelo Camilleri miet fit-tnejn u ghoxrin ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija u wiehed u hamsin (22.11.1951) u b’testment tat-tmienja ta’ April tas-sena elf disa’ mija u tmienja u tletin (08.04.1938) fl-Atti tan-Nutar Angelo Cachia (Dok.D1) halla bhala eredi tieghu lil Edward Vella Agius, Salvatore Vella Agisu (attur), Mary mart Salvatore Busuttil, ilkoll ahwa Vella Agius, u lil Paolo Camilleri, Paolina Camilleri (wara mart Joseph Calafato) u Maria Camilleri, ilkoll ahwa Camilleri (konvenuti), fis-sehem ta’ parti wahda minn sebgha kull wiehed u wahda, u lill-ulied naxxituri ta’ Giovanni Vella Agius fil-parti wahda minn sebgha li tifdal, b’dan illi jekk l-imsemmi Giovanni Vella Agius ma jkollux ulied, isehh l-akkrexximent tas-sehem tieghu favur it-tliet ahwa Vella Agius;

Illi l-imsemmi Giovanni Vella Agius ma kellux ulied, sehh l-akkrexximent u ghalhekk is-sehem ta’ l-imsemmija Edward Vella Agius, Salvatore Vella Agius (attur) u Mary mart Salvatore Busuttil mill-wirt ta’ Carmelo Camilleri sar parti wahda minn sebgha piu parti wahda minn tlieta ta’ parti wahda minn sebgha, b’ kollox erbgha partijiet minn wiehed u ghoxrin;

Illi l-imsemmija Maria Concetta sive Maria Camilleri mieter fl-ewwel ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija sitta u hamsin (01.12.1956), u b’testment tat-tmienja ta’ April tas-sena elf disa’ mija tmienja u tletin (08.04.1938) fl-Atti tan-Nutar Angelo Cachia (Dok.E1) halliet bhala eredi taghha lil Edward Vella Agius, Salvatore Vella Agius (attur), Mary mart Salvatore Busuttil, ilkoll ahwa Vella Agius (attur), Mary mart Salvatore Busuttil, ilkoll ahwa Vella Agius, u lil

Paolo Camilleri, Paolina Camilleri (wara mart Joseph Calafato) u Maria Camilleri, ilkoll ahwa Camilleri (konvenuti), fis-sehem ta' parti wahda minn sebgha kull wiehed u wahda minn sebgha li tifdal, b'dan illi jekk l-imsemmi Giovanni Vella Agius ma jkollux ulied, isehh l-akkrexximent tas-sehem tieghu favur it-tleiet ahwa Vella Agius;

Illi l-imsemmi Giovanni Vella Agisu ma kellux ulied, sehh l-akkrexximent u ghalhekk is-sehem ta' l-imsemmija Edward Vella Agius, Salvatore Vella Agius (attur) u Mary mart Salvatore Busuttil mill-wirt ta' Maria Concetta Camilleri sar parti wahda minn sebgha piu parti wahda minn tlieta ta' parti wahda minn sebgha, b'kollox erbgha partijiet minn wiehed u ghoxrin;

Illi l-imsemmija Mary mart Salvatore Busuttil mietet bla testment fit-tlieta u ghoxrin ta' Frar tas-sena elf disa' mija u digha u hamsin (22.02.1959) u ghalhekk wirtitha skond il-ligi l-attrici Rosemarie mart Louis Lupi;

Illi l-imsemmi Tancredi Camilleri miet bla testment fl-erbatax t'Ottubru tas-sena elf disa' mija u tlieta u sittin (14.10.1963), u ghalhekk wirtuh skond il-ligi uliedu Paolo Camilleri, Paolina mart Joseph Calafato, nee' Camilleri u Maria Camilleri, ilkoll ahwa Camilleri (konvenuti);

Illi l-imsemmi Edward Vella Agius miet fit-tmienja t'Ottubru tas-sena elf disa' mija u erbgha u sittin (08.10.1964), u b'testment tal-wiehed u tletin ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tlieta u sittin (31.07.1963) fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia (Dok H1) halla bhala eredi lil John Grech (attur) soggett ghall-uzufrutt favur Salvatore Vella Agius (attur);

L-atturi ghalhekk talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din l-Qorti: -

tillikwida l-assi eredeitarju ta' Salvatore Zahra Ferriggi billi tiddikjara li jikkonsisti f' dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza;

taqsam l-assi ereditarju ta’ Salvatore Zahra Ferriggi, hekk likwidati, fi tliet ishma ndaqs li minnhom jigi assenjat sehem lill-wirt ta’ Giuditta armla minn Filippo Camilleri, sehem iehor lill-wirt ta’ Maria Concetta sive Maria Camilleri, u sehem iehor lill-wirt ta’ Francesca Vella Agius nee’ Camilleri;

tillikwida l-assi erediarju ta’ Giuditta Camilleri billi tiddikjara li jikkonsisti f’sehemha mill-wirt ta’ Salvatore Zahra Ferriggi u f’dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

taqsam l-assi ereditarju ta’ Giuditta Camilleri, hekk likwidati, f’erba’ ishma ndaqs li minnhom jigi assenjat sehem lill-wirt ta’ wara Concetta sive Maria Camilleri, sehem lill-wirt ta’ Francesca Vella Agius nee’ Camilleri, sehem lill-wirt ta’ Tancredi Camilleri u sehem lill-wirt ta’ Carmelo Camilleri;

tillikwida l-assi ereditarju ta’ Francesca Vella Agius billi tiddikjara li jikkonsisti f’ sehemha mill-wirt ta’ Salvatore Zahra Ferriggi, sehemha mill-wirt ta’ Giuditta Camilleri, u f’ dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

taqsam l-assi ereditarju ta’ Francesca Vella Agius, hekk likwidat fi tliet ishma ndaqs li minnhom jigi assenjat sehem lill-wirt ta’ Edward Vella Agius, sehem lill-attur Salvatore Vella Agius u s-sehem iehor lill-wirt ta’ Mary mart Salvatore Busuttil;

tillikwida l-assi ereditarju ta’ Carmelo Camilleri billi tiddikjara li jikkonsisti f’ sehemu mill-wirt ta’ Giuditta Camilleri, u f’ dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

taqsam l-assi ereditarju ta’ Carmelo Camilleri, hekk likwidat, f’seba’ ishma ndaqs li minnhom jigi assenjat sehem lill-wirt ta’ Edward Vella Agius, sehem lill-attur Salvatore Busuttil, sehem lill-konvenut Paolo Camilleri, sehem lill-konvenuta Mary Camilleri u sehem lill-

konvenuta Paolina marti Joseph Calafato, waqt illi s-sehem l-iehor jerga' jinqasam fi tliet ishma ndaqs li minnhom jigi assenjat sehem lill-wirt ta' Edward Vella Agius, sehem lill-attur Salvatore Vella Agius, u sehem lill-wirt ta' Mary mart Salvatore Busuttil;

tillikwida l-assi ereditarju ta' Maria Camilleri billi tiddikjara illi jikkonsisti f'sehemha mill-wirt ta' Salvatore Zahra Ferriggi, f'sehemha mill-wirt ta' Giuditta Camilleri, u f' dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

taqsam l-assi ereditraju ta' Maria Camilelri, hekk likwidat, f'seba' ishma ndaqs li minnhom jigi assenjat sehem lill-wirt ta' Edward Vella Agius, sehem lill-attur Salvatore Vella Agius, sehem lill-wirt ta' Mary mart Salvatore Busuttil, sehem lill-konvenut Paolo Camilleri, sehem lill-konvenuta Mary Camilleri u sehem lill-konvenuta Paolina mart Joseph Calafato, waqt illi s-sehem l-iehor jerga' jinqasam fi tliet ishma ndaqs li minnhom jigi assenjat sehem lill-wirt ta' Edward Vella Agius, sehem lill-attur Salvatore Vella Agius, u sehem lill-wirt ta' Mary mart Salvatore Busuttil;

tillikwida l-assi ereditarju ta' Mary mart Salvatore Busuttil billi tiddikjara illi jikkonsisti f'sehemha mill-wirt ta' Francesca Vella Agius, f'sehemha mill-wirt ta' Carmelo Camilelri, f'sehemha mill-wirt ta' Maria Camilleri u f'dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

tassenja l-assi ereditarjkut a' Mary Busuttil, hekk likwidat, favur l-attrici Rosemarie mart Louis Lupi;

tillikwida l-assi ereditarju ta' Tancredi Camilleri billi tiddikjara il jikkonsisti f'sehemu mill-wirt ta' Giuditta Camilleri, u f'dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza;

taqsam l-assi ereditarju ta' Tancredi Camilleri, hekk likwidat, fi tliet ishma ndaqs, li minnhom sehem jigi assenjat lill-konvenut Paolo Camilleri, sehem lill-

konvenuta Mary Camilleri u sehem lill-konvenuta Paolina Calafato;

tillikwida l-assi ereditarju ta’ Edward Vella Agius billi tiddikjara li jikkonsisti f’sehemu mill-wirt ta’ Francesca Vella Agius, f’sehemu mill-wirt ta’ Carmelo Camilleri, f’sehemu mill-wirt ta’ Maria Camilleri u f’dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

tassenja l-assi ereditarju ta’ Edward Vella Agius, hekk likwidtat, favur l-attur John Grech, soggett ghall-uzufrutt ta’ l-attur Salvatore Vella Agius;
jekk il-qsim tal-beni komprizi fl-assijiet ereditarji fuq imsemmija, jew f’xi whud minnhom, ma jistax isir, tordna li jsir il-bejgh in licitazione tal-beni, jew ta’ dawk li ma jistghux jinqsmu, b’dan ilil jkunu jistghu jaghmlu offerti anke oblaturi estranji;

tahtar Perit Arkitett biex jaghmel l-istimi u pjanijiet ta’ qasma, Nutar biex jircievi u jippubblika l-att opportun u kuraturi biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci;

Il-konvenuti gew imharrkin biex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfemat bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Paolina mart Joseph Calafato u l-istess Joseph Calafato bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta’ martu fejn gie eccepit li huma ma jopponux ghad-divizjoni tal-assi kollha naxxenti mill-wirtijiet kif esposti fic-citazzjoni promotrici basta id-divizjoni issir skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Paolina u Joseph konjugi Calafato debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-konvenuta Mary Camilleri li biha ddikjarat li ma topponiex li ssir id-divizjoni imsemmija purche’ l-kwoti jkunu gusti u veri u ghal dan irriservat li twiegeb;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-13 ta’ Marzu 1992 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Joseph Huntingford bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-relazzjoni tal-abbli perit tekniku debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-17 ta' Frar 1993;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Marzu 1993 minn fejn jirrizulta li l-process gie rimess lill-perit tekniku biex dan jiehu konjizzjoni tan-nota tal-atturi fir-rigward tas-sottomissjoni dwar il-kwoti u l-konsistenza tal-assi b’dan li l-perit ghandu jikkonsidra sa fejn hu possibbli ripartizzjoni ekwa tas-siti fabbrikabbli bejn il-kondividenti;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-25 ta’ Mejju 1993 li bih gie nominat l-Avukat Dotor Philip Sciberras bhala perit legali biex jassisti lill-peit tekniku u bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha (diversamnt presjeduta) tas-7 ta’ Ottubru 1994 li bi gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Michael Angelo Refalo minnflok il-perit tekniku gia nominat u dana bl-istess fakoltajiet;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tas-26 ta’ Frar 1999 li bih gie nomnat Peter Caruana bhala Land Surveyor biex jassisti l-periti gudizzjarji nominati;

Rat ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Jannar 1994 minn fejn jirrizulta li l-process gie rimess lill-perit tekniku sabiex dan jghamel pjan ta’ divizjoni iehor tenut kont ta’ dak li gie verbalizzat fil-kors tal-istess seduta;

Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-perit tekniku debitament konfermata bil-gurament;

Rat in-nota tal-partijiet kollha tas-7 ta’ Ottubru 2004;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

F’dawn il-proceduri l-atturi qed jitolbu li jigu likwidati l-assi eredeitarju ta’ Salvatore Zahra Ferriggi u li l-istess assi jigu maqsuma bejn l-eredi tieghu u cioe’ sehem li ghandu jigi assenjat lill-wirt ta’ Giuditta armla minn Filippo Camilleri, sehem iehor lill-wirt ta’ Maria Concetta sive Maria Camilleri, u sehem iehor lill-wirt ta’ Francesca Vella Agius nee’ Camilleri. Qed jitolbu ukoll li jigu likwidati l-assi erediarji tal-imsemmija Giuditta Camilleri u dawn ghadhom masuma f’erba’ ishma ndaqs u assenjati - sehem lill-wirt tal-imsemmija  Concetta sive Maria Camilleri, sehem lill-wirt ta’ Francesca Vella Agius nee’ Camilleri, sehem lill-wirt ta’ Tancredi Camilleri u sehem lill-wirt ta’ Carmelo Camilleri. Qed jitolbu ukoll li jigu likwidati l-assi ereditarji tal-imsemmija Francesca Vella Agius u li dawn jigu maqsuma fi tliet ishma ndaqs u wiehed mill-ishma jigi assenjat lill-wirt ta’ Edward Vella Agius, sehem iehor lill-attur Salvatore Vella Agius u s-sehem iehor lill-wirt ta’ Mary mart Salvatore Busuttil. Li jigu likwidati l-assi ereditarji ta’ Carmelo Camilleri li ghandu jinqasam f’seba’ ishma ndaqs li minnhom jigi assenjat sehem lill-wirt ta’

Edward Vella Agius, sehem lill-attur Salvatore Busuttil, sehem lill-konvenut Paolo Camilleri, sehem lill-konvenuta Mary Camilleri u sehem lill-konvenuta Paolina marti Joseph Calafato, waqt illi l-ahhar sehem jinqasam fi tliet ishma ndaqs li jigu assenjati sehem lill-wirt ta' Edward Vella Agius, sehem lill-attur Salvatore Vella Agius, u sehem lill-wirt ta' Mary mart Salvatore Busuttil. Li jigi likwidat l-assi ereditarju ta' Maria Camilleri li ghandu jinqasam f'seba' ishma ndaqs li minnhom jigi assenjat sehem lill-wirt ta' Edward Vella Agius, sehem lill-attur Salvatore Vella Agius, sehem lill-wirt ta' Mary mart Salvatore Busuttil, sehem lill-konvenut Paolo Camilleri, sehem lill-konvenuta Mary Camilleri u sehem lill-konvenuta Paolina mart Joseph Calafato, waqt illi l-ahhar sehem ghandu jerga' jinqasam fi tliet ishma ndaqs u dawn jigu assenjati sehem lill-wirt ta' Edward Vella Agius, sehem lill-attur Salvatore Vella Agius, u sehem lill-wirt ta' Mary mart Salvatore Busuttil. L-atturi qed jitolbu ukoll li jigu likwidati l-assi ereditarji ta' Mary mart Salvatore Busuttil u dawn jigu assenjati favur tal-attrici Rosemarie mart Louis Lupi. Li jigu likwidati l-assi ereditarji ta' Tancredi Camilleri u dawn jinqassmu fi tliet ishma ndaqs u wiehed jigi assenjat lill-konvenut Paolo Camilleri, sehem lill-konvenuta Mary Camilleri u sehem lill-konvenuta Paolina Calafato. Li jigu likwidati l-assi ereditarji ta' Edward Vella Agius u l-istess assi ereditarji jigu assenjati favur l-attur John Grech, soggett ghall-uzufrutt ta' l-attur Salvatore Vella Agius. L-atturi qed jitolbu ukoll li jekk il-qsim tal-beni komprizi fl-assijiet ereditarji imsemmija ma jistax isir, allura jigi ordnat li jsir il-bejgh in licitazione tal-beni, jew ta' dawk li ma jistghux jinqasmu, b'dan illi jkunu jistghu jaghmlu offerti anke oblaturi estranji;

Il-konvenuti Paolina mart Joseph Calafato u l-istess Joseph Calafato bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu qed jeccepixxu li huma ma jopponux ghad-divizjoni tal-assi kollha naxxenti mill-wirtijiet in kwestjoni basta li d-divizjoni issir skond il-ligi;

Il-konvenuta Mary Camilleri iddikjarat li ma topponiex li ssir id-divizjoni in kwestjoni;

Fil-kors ta dawn il-proceduri gie nominat l-AIC Joseph Huntingford bhala perit tekniku li ppresenta r-relazzjoni tieghu. Wara li giet presentata din ir-relazzjoni l-process rega gie rimess ghand l-istess perit tekniku peress li l-atturi ghamlu sottomissjonijiet rigwardanti il-kwoti u l-konsistenza tal-assi kif gew konsidrati mill-istess perit tekniku fl-imsemmija relazzjoni tieghu u ghalhekk il-perit tekniku kellu jikkonsidra sa fejn hu possibbli jehh setax issir ripartizzjoni aktar ekwa tas-siti fabbrikabbli bejn il-kondividenti;

Sussegwentement minhabba l-mewt tal-perit tekniku gie nominat minnfolk l-AIC Michael Angelo Refalo u gie nominat ukoll l-Avukat Dotor Philip Sciberras bhala perit legali biex jassisti lill-perit tekniku;

L-imsemmija periti gudizzjarji ppresentaw ir-relazzjoni kongunta taghhom u sussegwentement il-perit tekniku ppresenta rapport addizzjonali;

Il-periti gudizzjarji, wara li kkonsidraw il-beni immobli kollha involuti, kkonkludew li komplessivament il-valur tal-assi ereditarji li jridu jinqassmu bejn il-kontendenti fil-kawza jammonta ghal hames mina u hmistax il-elf disa mija u erba u tletin liri maltin (Lm515934). Is-sehem ta’ kull attur minn dan it-total huwa ta disa u hamsin parti minn mitejn u tnejn u hamsin (59/252) jew mija u tmintax il-parti minn hames mija u erba (118/504). Kull sehem spettanti li kull wiehed u wahda mill-atturi hu ekwivalenti ghal mija u ghoxrin elf seba mija erba u disghin liri maltin (Lm120794). Is-sehem ta’ kull konvenut jammonta ghal hamsa u sebghin parti minn hames mija u erba (75/504) ekwivalenti ghas-somma ta’ sitta u sebghin elf seba mija u sitta u sebghin liri maltin (Lm76776);

Il-periti gudizzjarji ddikjaraw li peress li hemm b’kollox hames kondividendi, u cioe’ tlett (3) atturi u zewg (2) konvenuti, il-qasma jinhtieg li ssir parzjalment b’assenjazzjoni, u cioe’ assenjazzjoni lit-tlett atturi

flimkien, u assenjazzjoni liz-zewg konvenuti flimkien. Imbaghad l-atturi bejniethom itellghu l-poloz fost it-tlett porzjonijiet assenjati lilhom, u l-konvenuti bejniethom itellghu l-poloz fost iz-zewg porzjonijiet assenjati lilhom;

A bazi ta dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-periti gudizzjarji ghaddew biex ghamlu pjan ta' qasma;

Sussegwentement il-perit teniku ppresenta relazzjoni addizzjonali u sar pjan iehor ta' divizjoni in vista tal-fatt li l-partijiet fil-mori ta' dawn il-proceduri bieghu uhud mill-fondi mertu ta' din id-divizoni. In vista ta' dan il-fatt il-valur komplessiv tal-assi in divizjoni gie kalkolat li jammonta ghas-somma ta' mija u tnejn u erbghin elf disa mija u hamsa u tletin liri maltin (Lm142935). Ghalhekk is-sehem ta' kull wiehed u wahda mill-atturi ammontanti ghal mija u tmintax il-parti minn hames mija u erba (118/504) jekkwivali ghas-somma ta' tlieta u tletin elf erba mija hamsa u sittin liri maltin (Lm33465). Is-sehem ta' kull wiehed mill-konvenuti hu ta' hamsa u sebghin parti minn hames mija u erba (75/504) ekwivaelnti ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf mitejn u sebghin liri maltin (Lm21270);

Ghar-rigward tal-pjan ta' qasma l-perit tekniku innota li mhux possibbli li kull wiehed u wahda mill-kondividendi imisshom xi parti mic-cnus u mhux possibbli li kull wiehed u wahda minnhom imisshom xi parti minn art fabrikabbli. L-istess perit tekniku rribadixxa l-htiega li il-qasma issir parzjalment b'assenjazzjoni minhabba li l-ishma tal-atturi u l-ishma tal-konvenuti ma' humiex ugwali;

Il-perit tekniku ghamel is-segwenti pjan ta' qasma –

**Porzjoni Attur 1 (valur Lm33465)**
Ghalqa tal-Hlas limiti Qormi (18)
Lm 1500
Erbgha Ghelieqi 'Ta' Zaghruna' limiti Gharghur (19)
Lm30000
Qabar Cimiterju tal-Addolorata (29)
Lm 1000

4 Sqaq Vendome Zejtun
Lm 1000

Lm33500
Dan il-porzjon jaghti darba wahda biss:
Lill-porzjon Konvenut 1:
Lm 35

Lm33465

**Porzjon Attur 2 (valur Lm33465)**
Plot Trijangolari fi Triq il-Bacir Msida (43)
Lm 1600
Cens Perpetwu 19/20 Triq San Guzepp Birkirkara
Lm 600
Ghalqa 'Tal-Mirakli' limiti Lija
Lm30000
Tlett Ghelieqi 'Tal-Handaq' Wied tar-Ramla Ghawdex 7/144 (27) Lm 390
1, Triq il-Batterija Valletta 7/48 (33)
Lm 750

Lm33400
Dan il-porzjon jircievi darba wahda biss:
Minghand il-porzjon konvenuti 2:
Lm 65

Lm33465

**Porzjon Attur 3 (valur Lm33465)**
Zewg Ghelieqi 'Ta' Venuta' ir-Ramla ta' Fuq Ghawdex (28) Lm10000
Ghalqa 'Ta' Lawrenti' limiti Siggiewi (37)
Lm10000
13, Triq Sant' Antnin Marsa (15)
Lm 8000
26, 27, 28 Triq San Lazzru Cospicua
Lm 5000
193 Republic Street Valletta 7/144 (34)
Lm 200

Lm33200
Dan il-porzjon jiehu darba wahda biss:
Minghand il-porzjon konvenut 2:
Lm 265
Valur ta
Dan il-porzjon:
Lm33465

**Porzjon Konvenut 1 (valur Lm21270)**
Ghalqa 'Tal-Handaq' limiti Qormi (16)
Lm 7000
Ghalqa 'Tar-Ramel' Zebbug (17)
Lm 1235
Erbgha ghelieqi 'Wied id-Dis' Gharghur (23)
Lm 8000
312, Triq San Pawl Valletta (35)
Lm 5000

Lm21235
Dan il-porzjon jiehu darba wahda biss:
Minghand il-porzjon Attur 1:
Lm 35

Lm21270

**Porzjon konvenut 2 (valur Lm21270)**
Cens Perpetwu Ghalqa Kalkara (25)
Lm 70
Ghalqa 'Tal-Kotob' Zejtun (22)
Lm10000
Tlett Hbula 'Tal-Gruwa' Xewkija Ghawdex (26)
Lm 4500
25, Triq Enejja Lija (30)
Lm 7000
1 Triq Sant Antnin Valletta 7/36 (32)
Lm 30

Lm21600
Dan il-porzjon jaghti darba wahda biss:

Lill-Porzjon Attur 2
Lm 65
Lill-Porzjon Attur 3
Lm 265

Lm21270

Jidher li l-partijiet jaqblu kemm dwar is-sehem ta’ kull weiehed u wahda mill-kondividenti kif ukoll dwar dan il-pjan ta’ qasma. In effett dan il-pjan hu wiehed ragjonevoli u gust u ghalhekk id-divizjoni ghandha issir skond dan l-istess pjan;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddecidi dwar it-talbiet attrici billi tillikwida l-assi ereditarji kollha in kwestjoni fil-beni indikati fir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji u fir-rapport addizzjonali tal-perit tekniku u tordna li l-qasma ta’ dawn il-beni issir skond l-imsemmi pjan kif kontenut fl-istess rapport addizzjonali tal-perit tekniku b’referenza ghar-relazzjoni tal-esperti gudizzjarji u b’hekk is-sehem spettanti lill kull wiehed u wahda mit-tlett atturi hu ta’ mija u tmintax il-parti minn hames mija u erba (118/504) ekkwivalenti ghas-somma ta’ tlieta u tletin elf erba mija hamsa u sittin liri maltin (Lm33465). Is-sehem ta’ kull wiehed miz-zewg konvenuti hu ta’ hamsa u sebghin parti minn hames mija u erba (75/504) ekwivalenti ghas-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf mitejn u sebghin liri maltin (Lm21270). Tordna li l-qasma ssir parzjalment b’assenjazzjoni, u cioe’ assenjazzjoni lit-tlett atturi flimkien, u assenjazzjoni liz-zewg konvenuti flimkien u sussegwentement l-atturi bejniethom itellghu l-poloz fost it-tlett porzjonijiet assenjati lilhom, u l-konvenuti bejniethom itellghu l-poloz fost iz-zewg porzjonijiet assenjati lilhom u dana dejjem skond il-pjan ta’ qasma kif indikat fir-rapport addizzjonali u liema pjan hu inkorporal fil-presenti sentenza. Tinnomina lin-Nutar Dottor Paul Pullicino biex jircievi u jippubblika l-att opportun u dana fi zmien tliet xhur mid-data ta’ din is-sentenza u tinnomina lill-Avukat Dottor Malcolm Falzon bhala kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Spejjez ghandhom jithallsu mill-partijiet kollha skond is-sehem rispettiv taghhom fil-beni divizi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------